MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 1859/2005

David Debattista (Id. 36684M).

Vs

Phone Direct Limited (C27107).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob illi s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallsu l-ammont ta' sitt mija, tlieta u sebghin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm673.15) rapprezentanti hlas ta' salarju u *allowances* ghax-xhur kollha ta' Settembru u Ottubru 2004 kif ukoll *bonuses* u beneficcji dovuti skond il-ligi. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 7447/2005, u bl-imghax mill-31 ta' Ottubru 2004 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet:- 1. illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt: 2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur bosta drabi naqas mill-obbligi kontrattwali tieghu, ma hadimx is-sighat kollha pattwiti u ddikjara li huwa intitolat ghall-hlas ta' numru ta' sighat ta' xoghol, *bonuses* u *allowances* meta fil-fatt huwa ma hadimx dawk is-sighat ta' xoghol u konsegwentement ma kienx intitolat ghall-*bonuses* u *allowances* minnu pretizi; 3. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attur ma hux dovut u dan kif ser jigi muri fil-kawza; 4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 19 ta' Settembru 2005 kontra l-attur.

Ra l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2147 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant s-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-affidavit tal-attur.

Sema' x-xhieda ta' Maria Helga Zammit prodotta mill-attur.

Ra l-affidavit ta' Victor Debattista prodott mill-attur.

Sema' x-xhieda ta' Ray Galea prodott mis-socjeta' konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, u cioe illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147 (c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-istess Artikolu jiddisponi hekk kif gej:-

*'L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena:-*

*(c ) l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, ta' l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarju, jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu.*'

Illi peress li jirrizulta b'mod car mill-provi prodotti, li l-attur ma jaqax taht l-ebda wahda mill-kategoriji ta' persuni citati fl-artikolu 2147 (c) fuq imsemmi, dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz in ezami, u ghalhekk l-azzjoni attrici ma tistax tigi kkunsidrata bhala preskritta ai termini ta' dan l-artikolu tal-ligi. Ghalhekk dan it-Tribunal qieghed jichad din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Illi fil-mertu mbaghad, t-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, josserva s-segwenti:-

Illi l-attur fl-affidavit tieghu jispjega li huwa gie impjegat mas-socjeta' konvenuta f'Lulju tas-sena 2004, b'salarju fiss fix-xahar ta' Lm330 flimkien ma '*commission'* ta' 10% fuq '*sales'* ta' Lm3000 fix-xahar. Is-sighat tax-xoghol tieghu kienu wkoll fissi bejn it-8.30am sal-5.00pm mit-Tnejn sal-Gimgha. L-attur spjega kif l-ewwel salarju kien ircevih minghajr problemi, izda fix-xahar sussegwenti ma kienx ircieva s-salarju kollu u fix-xahar ta' wara kien sahansitra ma rcieva l-ebda salarju kwalsiasi. Ghalhekk huwa kellu bilfors jitlaq mill-impieg tieghu. Mill-Labour Office kienu ikkonfermawlu li kellu jiehu minghand is-socjeta' konvenuta u ghalhekk beda l-proceduri odjerni sabiex jithallas l-ammont ta' Lm673.15, liema ammont jinkludi s-salarju mhux imhallas, '*allowances*' u anki l-*bonuses* dovuti lilu.

Illi x-xhud Maria Helga Zammit prodotta mill-attur, li wkoll ghamlet xi zmien impjegata mas-socjeta' konvenuta, kkonfermat illi l-attur kien impjegat fuq bazi '*full time*' bhala '*sales man*', b'salarju fiss u '*commission*' fuq is-'*sales*'. Ix-xhud ikkonfermat illi kienet haga regolari li l-impjegati ma

jithallsux il-paga taghhom, u ammonti ohra dovuti lilhom mis-socjeta' konvenuta. Hija kkonfermat ukoll illi l-impjegati tas-socjeta' konvenuta ma kienux registrati kif suppost ma l-ETC, u li dan kien jikkawzalhom diversi problemi. Hija xehedet illi hi stess kellha problemi fir-rigward tal-hlas tal-paga taghha waqt li kienet impjegata mas-socjeta' konvenuta.

Ix-xhud Victor Debattista li jigi missier l-attur, u li fl-istess zmien ukoll kien impjegat mas-socjeta' konvenuta, kkonferma illi l-attur ma kienx thallas dak dovut lilu mis-socjeta' konvenuta ghal ebda raguni valida u li ghalhekk kien kostrett li jitlaq mill-impieg tieghu. Huwa xehed li hu stess kellu jitlaq mill-impieg tieghu mas-scocjeta' konvenuta peress illi ma kienx thallas il-paga tieghu.

Illi mbaghad ix-xhud Ray Galea, li jokkupa l-kariga ta' Managing Director tas-socjeta' konvenuta, xehed illi l-attur kien thallas dak kollu li kien dovut lilu, u li se mai kien l-attur li kellu jirrifondi xi flus lis-socjeta' konvenuta. Din l-allegazzjoni pero bl-ebda mod ma giet sostanzjata mix-xhud. Huwa xehed wkoll illi l-attur kellu kuntratt ta' impieg, u fil-fatt waqt ix-xhieda tieghu, huwa ghamel referenza kontinwa ghall-kundizzjonijiet li allegatament kienu jinsabu f'dan l-istess kuntratt ta' impieg. Madankollu, ix-xhud naqas ghal kollox milli jipproduci dan il-kuntratt tant imsemmi fix-xhieda tieghu, alavolja nghata c-cans li jaghmel dan. Ghalhekk, gjaladarba dan il-kuntratt ma giex esebit u ma jiffurmax parti mill-atti ta' din il-kawza, kwalsiasi referenza ghall-istess fix-xhieda ta' Ray Galea, ghandha bilfors tigi skartat ghal kollox minn dan it-Tribunal. Dan fih innifsu jwassal it-Tribunal sabiex jikkonkludi illi l-versjoni tal-fatti moghtija minn Ray Galea hija kwazi ghal kollox priva minn kwalsiasi prova, u ergo ma hemm xejn li jista' jwassal it-Tribunal biex jemmen il-versjoni tieghu minnflok dak ta' l-attur.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta. Jichad ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tas-socjeta' konvenuta u jilqa' t-talba tal-attur billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-

somma ta' elf, hames mija u tmienja u sittin Ewro, u zewg centezmi (€1568.02), ekwivalenti ghal Lm673.15, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------